**129. Il-Ministru ta-Finanzi, l-Onor. Wistin Abela jipproponi:**

Billi bis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att tal-1972 dwar Self għall-Iżvilupp, il-Gvern hu awtorizzat li, bi jew skont ftehim ma' Gvern ta' pajjiż ieħor jew ma organizzazzjoni, fond jew istituzzjoni oħra internazzjonali jew barranija, jissellef somom ta' flus li b'kollox ma jkunux iżjed mill-ammont li jikkorrispondi għal ħamsa u għoxrin miljun Lira Maltija, jew dik is-somma ogħla li l-Kamra tad-Deputati tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi b'Riżoluzzjoni;

U billi fil-5 ta' Mejju, 1980 il-Kamra b'Riżoluzzjoni stabbiliet is-somma ta' ħamsin miljun Lira Maltija;

U billi dik is-somma ta' ħamsin miljun Lira Maltija dalwaqt se tintlaħaq;

U billi huwa fl-interess ta' l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż li l-vantaġġ ta' faċilitajiet ta' self b'imgħax baxx mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet barranija jitkompla għal somma akbar minn ħamsin miljun Lira Maltija;

Għalhekk qed jiġi b'dan riżolut li s-somma li l-Gvern ta' Malta jista' jissellef skont l-imsemmi subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-imsemmi Att tkun ta' ħamsa u sebgħin miljun Lira Maltija.

14.12.1983